MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1015/2001/1

**Vodafone Malta Limited**
**Vs**
**Adrian Demanuele u b' digriet tal- 21 ta' Jannar, 2002 gie kjamat fil-kawza Charles Tonna**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm 252.45c (mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi) rappresentanti hlas ghal-servizzi resi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 099 1683.

Il-konvenut interpellat biex ihallas baqa inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-interess kontra l-konvenut mid-data min meta l-ammont pretiz f' din it-talba kien dovut sal-pagament. Inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

Ra li r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita;

Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u stante li hu kien biegh il-mobile phone f'April tas-sena 1999 lil certu Charles Tonna u ghalhekk il-konvenut mhux responsabbli ghall-konsum u kwindi l-ammont mhux dovut minnu,

Illi minghajr prejudizju ghas-suespost l-konvenut jitlob li jigi kjamat in kawza min realment u effetivament ghamel uzu minn din il-linja tat-telefone bin-numru 0991683 u cioe' Charles Tonna.

Bl-ispejjes kollha kontra l-atturi w/jew il-kjamat in kawza.

Ra li l-kjamat fil-kawza ma pprezentax rispsota ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr. Michael Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza w jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi kontra il-kjamat fil-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------